# ATT TAL-FIDI
# TA' DANTE ALIGHIERI

*(Maqlub għall-Malti minn Salvu Frendo de Mannarino)*

S'issa ktibt fuq l-imħabba bosta rîmi(1)
u, biex nagħtihom ħlewwa l-aktar kbira,
u biex nisfihom ħlejt kemm kelli lîmi(2).
Imma 'ssa tagħhom nitlef sat-tifkira(3)
Irrid, u minn ġo qalbi naqta' ċ-ċîmi,
li bihom kont marbut f'din il-għadira(4)
tal-qerq. Intbaht li s-snin illi Alla tâni,

---

(1) *rimi*: taqbil.
(2) *limi*: il-poeta jirfina l-versi tiegħu bl-istudju, kif il-ħaddied jirfina l-ħadid bil-lima.
(3) *tifkira*: memorja.
(4) *għadira tal-qerq*: vanità.

kienu minni f'dawk il-frugħat moħlija,
u rrid il-għerf, li bih hu moħħi għani,
għall-ġid ta' ruħi nagħti u, bla mistħija,
fuq Alla nikteb ta' veru nisrani.
F'Alla l-Missier jien nemmen b'kull ma fija,
li kollox jagħmel jista'; li jagħtina
il-barka tiegħu, u dejjem jibagħtilna
kull ġid, sabiex imħabbtu toktor fina.
Nemmen ukoll illi mix-xejn ħalqilna
is-sema u l-art, b'dik il-qalb ħanina,
li biha d-dnubiet żgħar u kbar jaħfrilna
Meta b'indiema nistqarruhom sewwa
lill-konfessur. Illi kull ma tmiss idna
u għajnna târa, u dak kollu, li ġewwa
il-menti tagħna naħsbu, ġie minn Sidna
Alla maħluq bl-akbar tjubija u ħlewwa.
Nemmen li l-Iben t'Alla ħa, għal ġidna,
ir-ruħ u l-ġisem fil-ġuf ta' Marija,
xbejha bla tebgħa, li titlob għalina.
Illi fi Kristu tal-bnedmin ix-xbieha
kollha tinsab, hekk sewwa kif turina
u kif biċ-ċar tipprova dit-turija
u tgħallem il-Knisja Mqaddsa-Latina.
Għalkemm Hu ġej mir-razza tal-bnedmin,
u għad li ried jitwieled ġewwa stalla
sabiex jurina kemm huwa ħanin,
nemmen bis-sħiħ illi Hu Alla Bin Alla;
li Huwa u Ruħ il-Qdusija huma mgħaqqdin
m'Alla l-Missier, u, għad li qatt ma falla,
sabiex mill-jasar tax-xitan jifdina,
fuq is-Salib, bħal ħati miet bla ħtija.
Nemmen li wara mewtu, b'qalb ħanina,
fil-Limbu niżel sabiex mit-tbatija,
tal-Qaddisin, li mietu qabel dina,
jeħles 'l-erwieħ, illi, b'fidi qawwija
jittamaw kienu li hemma, sal-passjoni
u sal-mewt tiegħu kellhom jibqgħu msiera;
għax, kull min għandu t-tama u l-persważjoni
illi bil-fidi jsalva, u b'qalb sinċiera
jemmen, ikollha ruħu s-salvazzjoni
imma, min ma jimxix taħt dil-bandiera,

Eretku u għadu tiegħu nnifsu jkun,
u, żgur, imur fil-qiegħ tad-dlamijiet,
fejn jibqa' għall-eternità midfun.
Illi rebbieħ Hu qam minn bejn l-imwiet
it-tielet jum, jien nemmen bir-raġun
u li bil-laħam, li bih Lilu ksiet
ix-xbejba, li Alla, fost ix-xbejbiet henna,
is-Sema tala', fejn, fil-ġenb lemin
t'Alla l-Missier, li jiġi qed jistenna
biex lill-ħajjin iħallas u l-mejtin :
bl-Infern, bil-Purgatorju jew bil-Ġenna .
Is-sewwa mmela nagħmlu biex, henjin,
maż-żmien immorru l-Ġenna, fi ħdan Alla;
għax, kull min ruħu fid-drawwiet il-ħżiena
u fid-dnubiet il-mejta timxi ħalla,
ġewwa l-abbissi ta' l-Infern, bla ħniena,
u mingħajr tama li minn hemm tittalla',
tiġi mitfugħa, fl-akbar hemm u piena.
Teħlisna mill-Infern Ruħ il-Qdusija
li, fost it-Tlieta hi t-tielet Persuna;
li bħal Missier u sew bħall-Iben hija;
u minnhom aħna nistennew għajnuna,
sabiex naħarbu minn dik it-tbatija
u minn dak it-turment, sew kif għallmuna
bosta Profeti; u qima nagħtu lilhom,
xorta(5), għax ta' xulxin huma nebbieta(6)
u jiena, b'qalbi kollha, ukoll noffrilhom
it-tifħir tiegħi, għax għad li huma tlieta,
huma Alla wieħed, u mgħaqqdin f'egħmilhom.
Hi(7), bħall-Missier u l-Iben, qatt ma bdietha
il-ħajja tagħha u bħalhom mhix maħluqa.
Tas-sema u l-art, bħalhom, hija Sultana,
u minnhom l-ebda waħda ma hija fuqha
u lanqas taħtha : it-Tnejn huma fi ħdanha;
f'Alla wieħed it-Tlieta huma magħluqa;
u kull min jikxef aktar ried hedana
il-kbir Misteru, falla u qata' jiesu.

(5) *xorta*: egwali.
(6) *ta' xulxin huma nebbieta*: imnibbtin minn xulxin.
(7) *Hi*: Ruħ il-Qdusija.

B'dak li tgħallimna l-Knisja, qalbu jhejjen
  biss in-Nisrani għandu u ma jqisx b'qiesu, (8)
għaliex il-fidi tiegħu żgur tixxejjen
  sew ġewwa qalbu, kemm ġewwa qalb niesu (9).
  Jien nemmen li bil-grazzja t'Alla żżejjen
u tisfi minn kull tebgħa l-Magħmudija:
  biż-Żejt tas-Saħħa u bl-Ilma safi mxarrba
  u mbagħad bil-Melħ tal-Għerf tiġi mogħnija
ir-ruħ; u din ma tingħatax hlief darba;
  imma mingħajrha tal-Ġenna l-mogħdija
  ma tifthilniex anqas tad-dnub il-ħarba.
Hi x-xbieha t'Alla fil-bnedmin tistampa,
  għax minn kull tebgħa biha nsiru puri;
  xi drabi hi d-dawl hekk kbir ta' dik il-Lampa,
li, minn Ruħ il-Qdusija, fuqna turi,
  u tkebbes f'qalbna ta' l-imħabba l-vampa,
  illi mis-salvazzjon tagħmilna żguri.
Imma, sabiex ninsfew mill-qżież u l-kruha
  tal-misħut dnub, illi m'nn Alla jifridna,
  tal-Konfessur il-maħfra hija merfugħa
għalina: il-maħfra, li Ġesù wegħidna,
  li ma nistgħux bil-flus u l-għawġ nixtruha:
  għaliex dan kollu lejn l-Infern jiġbidna.
L-ewwel hemm bżonn li nħossu ndiema vera,
  imbagħ'd bil-fomm nistqarru d-dnubiet tagħna,
  kollha kemm huma, kif u bil-maniera
li għamilniehom, biex Dak li jismagħna
  jiżinhom ikun jista' u maħfra ntiera
  tagħhom jagħtina, u mill-Infern jerfagħna.
Il-għadu tagħna, li hu dejjem bejnietna
  biex iġarrafna, kontra l-ġid jagħwina
  u l-ħażen kollu jlaqqam fi ħsibietna.
Imma, biex kontra t-tentazzjoni jtina
  il-qawwa, u biex neħilsu minn dnubietna,
  li l-għadu bihom irid igħabbina,
Ġesù ħanin, biex ikattrilna ħiltna,
  u biex minn ġewwa moħħna qatt ma tgħib

(8) *ma jqisx b'qiesu*: ma jiġġudikax b'għaqlu.
(9) min jitlef il-fidi hu jtellifha lil niesu wkoll.

il-fakra tat-turment li ried joffrilna,
ta' Missier veru u ta' veru ħabib (10),
l-Imqaddes Ġisem u d-Demm ħalla lilna:
hedak il-ġisem li fuq is-Salib
imsammar ġie, u d-Demm, li mill-kefrin
Lhud ġie mċarċar, sabiex mill-egħdewwa
u minn jasarhom niġu meħlusin,
u nħallu t-triq tal-għawġ għat-triq tas-sewwa,
taħt sura ta' Ostja mqaddsa, Alla ħanin,
ħallielna, biex ruħna bihom tiddewwa,
wara li minn kull dnub tkun ġiet misfija.
Ta' dan is-Sagrament, il-kbir Misteru
Hekk huwa mbierek u hekk hu tal-qdusija,
(għad li hemm xi wħud, li dana jridu jmieru)
li biex infissru kliem ma nsibx ġo fija;
imma bih, fuq il-għadu jtina imperu,
sabiex naħarbu minn kull tentazzjoni,
għax Alla dejjem jisma' bl-akbar ħniena
u mħabba liema bħalha, l-orazzjoni
illi, minn ġewwa qalb niedma u sogħbiena,
toħroġ bi ħrara, qima u devozzjoni.
Ta' dan il-għamil kollu li għidt jiena,
l-erwieħ fit-triq iwettaq tat-tjubija
it-tmun għandu l-Qassis biex imexxina.
Imbagħad, sabiex nitwettqu fil-qdusija,
il-Griżma Mqaddsa hemm lesta wkoll għalina
sabiex bil-fidi qalbna tkun mimlija.
Billi sikwit ġisimna jkebbes fina
taż-żina x-xewqa u f'dan id-dnub il-mejjet
dlonk iwaqqagħna, Alla taż-żwieġ fetħilna
it-triq, għax imħabbtu lejna hi kbira żżejjed.
Dana nitbiegħdu miż-żina jġegħilna,
sabiex dad-dnub ma jibqax fina jbejjet,
bit-talb u s-sawm, kif Kristu stess qalilna.
Għalhekk hedawn is-seba' Sagramenti
magħmula ġew mir-Reliġjon qadima (11)
Alla stess tana l-għaxar kmandamenti:

---

(10) *veru ħabib*: li verament iħobbna.
(11) *qadima*: qadima għax għamilha Ġesù Kristu.

L-ewwel: Illi bħal Alla nagħtu qima
biss Lilu għandna. It-tieni: b'ġuramenti
jew b'xi mod ieħor ma għandniex, bla stima
l-Imqaddes Ismu nsemmu. It-tielet huwa
li nħarsu l-Ħdud u l-btajjel; din il-btala
għandna bil-ħrara Lilu biss noffruha,
skond kif tgħallimna l-Knisja Mqaddsa, u bħalha,
bid-devozzjoni u talb għandna ngħadduha:
għax din m'hijiex għalbiex wieħed jixxala!
Ir-raba': inħobbu għandna 'l-ġenituri,
għax tawna l-ħajja. Il-ħames bis-sikkina
toqtolx, lanqas b'ħaġ'oħra. Is-sitta: Puri
mid-dnub taż-żina jridna, għaliex b'dina
noffendu 'l Alla u 'l-proxxmu tagħna u żguri
aħna li nkeċċu 'l Alla minn ġo fina.
Is-seba': La tisraqx. It-tmienja: Isibna
ħatjin ma jridx ta' xhieda falza: ħtija,
illi taħt għoqliet Alla żgur iġġibna.
Id-disa': Ruħna qatt ma tkun misfija
jekk aħna rridu tagħna mart qaribna (12),
għax bla kuxjenza nkunu u bla mistħija.
U l-aħħar: Ħadd ma għandu jixtieq tiegħu
ħwejjeġ in-nies. Għal dawn Alla jheddidna
bl-Infern; u kullimkien jilħaqna Driegħu!
Nisimgħu l-Liġi 'mmela; din tirfidna
fil-grazzja t'Alla. Ilkoll ninġabru Miegħu;
u d-dnub naħarbu għax Minnu jbegħidna!
KBURIJA hi l-ewwel: din għandna naħarbu,
għax, li aħna mill-oħrajn aħjar, tħassibna,
u mħabba fiha, lejn il-qerq nitqarrbu.
IL-GĦIRA hi dik ir-ras li tgħaddibna,
u biha b'ġid ħaddieħor rassa nġarrbu:
din hija għadu tagħna u trid tegħlibna.
IL-GĦADAB ta' l-imgħaddab il-katina
itaqqal, għax tal-korla n-nar ikebbes
u t-triq it-tajba jtellef għall-ħażina.
IL-GĦAŻŻ, li kontra l-ġid il-qalb iwebbes,
tal-għadiet ħżiena fit-triq imexxina

(12) *qaribna*: il-proxxmu tagħna.

u ta' kull vizzju x-xewqa f'qalbna jħebbes (13).
Ix-XEĦĦA hi dik illi ġġagħalna nbatu,
għaliex ix-xħiħ ta' kelmtu qatt ma jkun,
u l-ilma jressaq lejn xawwatu (14).
Il-GULA l-għaqli twaqqa' u lill-miġnun,
għax il-guluż ma jxabba' qatt xewqatu,
u qabru jħaffer fejn jiġi midfun,
sewwa bix-xorb u kemm bl-ikel iżżejjed.
Iż-ŻINA hi l-aħħar: Jikser il-qrubija (15),
bil-ħbieb iqarraq dan id-dnub il-mejjet,
b'inganni, tradimenti u kull ħżunija,
għax jitfi d-dawl tal-għaqal fejn ibejjet.
Kontra dawn is-seba' dnubiet qawwija
nifttħu għajnejna mmela, u nagħmlu dmirna,
sabiex naħarbu minn dawn il-għadiet
hekk ħżiena, u ngħidu lkoll sikwit: Missierna
illi tinsab fil-glorja tas-smewwiet,
imqaddes ikun ismek minn ġo s'dirna,
qabel u wara li nħallu dal-wied
tad-dmugħ għall-hena Tiegħek. Aħna Lilek
nitolbu dejjem illi tħenn għalina,
u nżżuk ħajr minn qalbna għal għemilek.
Is-Saltna Tiegħek, ja Sinjur, tiġina,
kif tfisser din it-talba, u kif toffrilek
il-qalb minn tagħna, ruħna u kulma fina.
Ir-rieda Tiegħek tkun hekk fl-art magħmula
sew fis-Sema. Il-lum il-ħobż tas-saħħa
agħtina ta' kuljum. Biex tkun maħsula
ir-ruħ minn tagħna, aħfrilha d-dnubiet tagħha,
kif taħfer hija d-deni li jagħmlulha,
sabiex fi ħdanek tkun tista' tilqagħha.
Missier Dejjiem, imħabbtek kebbes fina;
mill-għama u mit-tiġrif tat-tentazzjoni
eħlisna, u minn kull deni ddefendina,
sabiex nistgħu nistħoqqu, bl-orazzjoni,
li l-Barka Mqaddsa Tiegħek Int tagħtina,
illi tkattrilna f'qalbna d-devozzjoni.

---

(13) *iħebbes*: idaħħal.

(14) *u l-ilma jressaq dejjem lejn xawwatu*: jiġbed kollox għalih

Ja Re tas-Sema u l-art, il-Barka Tiegħek
aghtina mmela, u Lejk igbed ghajnejna.
Bil-qawwa, liema bħalha minn ta' Driegħek,
il-ghadu, nitolbuk, biegħed minn ħdejna,
u l-menti tagħna żomm għal dejjem Miegħek.
Ix-xbejba ta' bla tebgħa, għarkobbtejna,
ilimkien infaħħru, qabel nerħu l-pinna,
u nżidu ma' dak kollu li aħna għidna.
Lilha nitolbu sabiex taqilgħilna
il-grazzja illi xejn mn'Alla ma jbegħidna;
illi, ħanin, il-mewt ta' dejjem minna
ibiegħed u, devoti, Lejh jiġbidna.
Ingħidu, immela: Is-sliem Għalik, Marija,
xebba bla tebgħa, fost in-nisa kollha
Int kont maħtura, u bil-grazzja mimlija.
Alla, fuq l-ogħla Saltna, Lilek għolla,
u bid-dawl dawrek ta' l-akbar qdusija.
Ikun imbierek minn kotriet il-folla
ta' l-Anġli u tal-bnedmin, Xebba ħanina,
il-frott ta' ħdanek. Int, illi ġġibilna
il-grazzi kollha mn'Alla, itlob għalina,
Qaddisa, Marija, Omm Alla, biex jaħfrilna,
issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna jtina
il-Barka Tiegħu u l-Genna mbagħ'd jiftħilna,
sew kif Kristu wegħedna, u hekk ikun.